

Brussell, 18 ta' Novembru 2025
(OR. en)

14663/25
ADD 1

RECH 476
COAFR 288

NOTA

Suġġett: Anness tad-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-
Repubblika Federali tan-Niġerja għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u
r-Repubblika Federali tan-Niġerja dwar kooperazzjoni fix-xjenza u
t-teknoloġija

DIRETTIVI TA' NEGOZJATI GĦAL FTEHIM BEJN L-UNJONI EWROPEA
U R-REPUBBLIKA FEDERALI TAN-NIĠERJA DWAR KOOPERAZZJONI FIX-XJENZA
U T-TEKNOLOĠIJA

1. Suġġett

L-għan tan-negozjati huwa li jiġi konkluż ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, f'konformità mal-Artikolu 186 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-Ftehim għandu jstabbilixxi, jipromwovi u jsaħħaħ il-kooperazzjoni bilaterali, u b'hekk jipprovdi qafas ġenerali li permezz tiegħu l-entitajiet tal-partijiet ikunu jistgħu jaħdmu flimkien fuq ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni għall-benefiċċju taż-żewġ partijiet.

2. Kamp ta' applikazzjoni tal-kooperazzjoni

Il-kooperazzjoni stabbilita b'dan il-ftehim għandha tkopri l-attivitajiet tal-programmi qafas pluriennali tal-Unjoni soġġetti għat-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-atti bażiċi tal-programmi, u fi kwalunkwe regola oħra li tappartjeni għall-implimentazzjoni ta' dawk il-programmi.

3. Forum u metodi ta' kooperazzjoni

Il-kooperazzjoni skont il-ftehim tista' tinkludi l-forom li ġejjin:

Il-parteċipazzjoni ta' entitajiet ġuridiċi stabbiliti fin-Niġerja f'azzjonijiet indiretti skont il-programm qafas applikabbli tal-Unjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni u l-parteċipazzjoni minn entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-UE fi proġetti Niġerjani ta' riċerka u innovazzjoni f'setturi simili;

Żjarat u skambji bejn ix-xjenzati, u l-organizzazzjoni ta' avvenimenti li jiffukaw fuq suġġetti xjentifiċi u tekniċi;

Studji u valutazzjonijiet bl-għan li jsaħħu u jistrutturaw il-kooperazzjoni bejn iż-żewġ partijiet;

Il-promozzjoni ta' kwalunkwe attività oħra li jkollha l-għan li tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim, b'mod partikulari l-iskambju ta' informazzjoni xjentifika u teknika u l-attivitajiet ta' koordinazzjoni.

4. Kundizzjonijiet għal attivitajiet ta' kooperazzjoni

Il-parteċipazzjoni tal-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fin-Niġerja f'azzjonijiet indiretti taħt il-programmi tal-Unjoni għandha tkun soġġetta għar-regoli applikabbli dwar il-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill għall-programm qafas pluriennali tal-Unjoni skont l-Artikolu 182 TFUE.

Il-prinċipju tal-aċċess tal-entitajiet stabbiliti fl-Unjoni fil-programmi Niġerjani għandu jkun previst fil-ftehim kemm jista' jkun, f'konformità mal-kundizzjonijiet ta' dawk il-programmi nazzjonali.

Il-ftehim għandu jipprevedi qafas li fih jistgħu jiġu miftiehma kundizzjonijiet speċifiċi għal attivitajiet ta' kooperazzjoni diretta, inkluż fir-rigward tal-użu tar-riżultati ta' tali attivitajiet u drittijiet ta' proprjetà intellettuali li jista' jkun hemm.

5. Finanzjament

L-attivitajiet ta' kooperazzjoni skont il-ftehim ippjanat għandhom jiġu ffinanzjati fi ħdan il-baġit finanzjarju disponibbli u jitwettqu f'konformità mar-regoli rispettivi tal-partijiet.

6. Ġestjoni tal-ftehim

Għandu jiġi stabbilit kumitat konġunt biex jippromwovi, jimmonitorja u jivvaluta l-attivitajiet skont il-ftehim.

7. Durata

Il-ftehim għandu jkun għal perjodu limitat. Għandu jkun fih klawżola li tippermetti lil kwalunkwe parti titterminah soġġett għal notifika bil-miktub.
